**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Gunju, 2018

Rikors Nru : 160/18 AL

AB
**u**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie guramentat miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

> Illi huma zzewgu nhar it-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elf disa mija u tnejn u tmenin (1982) gewwa l-knisja ta' Stella Maris, Sliema;
>
> Illi fiz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;
>
> Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali taghhom

permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppublikat in atti tan-Nutar Dottor Liza Camilleri datat 8 ta' April tas-sena elfejn u hamsa (2005);

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi l-partijiet ghexu mhux flimkien ghall-perjodu ta' mill-anqas erba' snin matul l-ahhar hames snin u llum kull parti tghix hajja totalment separata minn xulxin;

Illi l-partijiet jqablu li jkunu rapprezentati minn legali uniku;

Illi dawn il-fatti, hawn fuq imsemmija, jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-otteniment tad-Divorzju skont l-Artikolu 66B ta' Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu li din il- Qorti :

1. Tippronunzja d-divorzju jew il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' April, 2018;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-8 ta' April 2005;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.